



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

*Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonal*

**2010/2107(INI)**

4.11.2010

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonal

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar ir-Reviżjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Effċċenza fl-Użu tal-Enerġija  
(2010/2107(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Lena Kolarska-Bobińska

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jenfasizza li l-miżuri ta' effiċjenza fl-użu tal-enerġija huma mod kost-effettiv biex tingħata spinta lill-kompetittività ekonomika, tiżdied is-sigurtà tal-provvista, jitnaqqas l-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub>, jinħolqu l-impjieg i jitnaqqas l-faqar tal-fjuwil; huwa mħasseb dwar il-livelli baxxi ta' finanzjamenti mill-ERDF għal miżuri ta' effiċjenza fl-użu tal-enerġija f'għadd ta' Stati Membri; iħeġġeġ lill-Istati Membri biex l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija jagħmluha priorità orizzontali fil-programmi operattivi tagħhom; jitlob lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali biex jiffaċilitaw l-użu tal-fondi strutturali għall-miżuri ta' effiċjenza fl-użu tal-enerġija, fost l-oħrajn billi jiżguraw li jkun hemm tixrid aħjar ta' informazzjoni għal-livell reġjonali u lokali u bil-ħolqien ta' one-stop shops;
2. Jirrikonoxxi li wieħed mill-akbar ostakli biex tinkiseb effiċjenza fl-użu tal-enerġija fil-livell lokali u reġjonali huwa l-ħtieġa ta' investimenti bil-quddiem; jinsab konvint li kull miżura meħuda fil-livell tal-UE għandha tqis l-implikazzjonijiet għall-muniċipalitajiet u r-reġjuni, kif ukoll ir-restrizzjonijiet baġitarji tagħhom; jirrakkomanda, għalhekk, lill-Kummissjoni biex tikkonsulta mar-rappreżentanti lokali u reġjonali biex jiġu stabbiliti linji gwida ta' żvilupp fil-qasam tal-enerġija u biex jingħata appoġġ finanzjarju lill-proġetti lokali u reġjonali permezz ta' programmi innovattivi, bl-użu tar-riżorsi tal-enerġija u tal-fondi strutturali eżistenti;
3. Jenfasizza l-ħtieġa li tīgi żviluppata għajnuna teknika u inġinerija finanzjarja fil-livell tal-awtoritā lokali u reġjonali sabiex jiġu appoġġati l-personaġġi lokali fit-twaqqif ta' proġetti – eż. billi jiġu sfruttati l-faċilità ta' għajnuna teknika ELENA tal-BEI u l-esperjenza tal-ESCOS;
4. Jenfasizza li waħda mill-kundizzjonijiet fundamentali sabiex jiġi kkonkretizzat il-potenzjal ta' ffrankar tal-enerġija tal-UE hija l-implimentazzjoni rapida u korretta mill-Istati Membri tal-leġiżlazzjoni tal-UE fir-rigward ta' kwistjonijiet bħar-rendiment enerġetiku tal-bini, it-tikkettar tal-enerġija u l-ekodisinn; jistieden lill-Kummissjoni biex b'mod attiv tappoġġja u timmoniterja l-proċess ta' implantazzjoni;
5. Jinnota li jeżistu diversi ostakli fil-livell lokali u reġjonali, b'mod partikolari fis-settur residenzjali, b'rızultat ta' spejjeż finanzjarji u tal-perjodi twal ta' ħlas lura, inċentivi maqsuma għall-kerrejja u s-sidien, jew negozjati kumplessi f'binjet b'ħafna appartamenti; jappella għal soluzzjonijiet innovattivi u kost-effettivi biex jitneħħew dawn l-ostakli, bħal pjanijiet ta' tiġid distrettwali, inċentivi finanzjarji u assistenza teknika;
6. Jenfasizza r-rwol ewljeni tal-awtoritajiet reġjonali u lokali fil-kisba tal-ġhanijiet tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u għalhekk jappoġġa approċċ għall-politika tal-enerġija u għall-effiċjenza fl-użu tal-enerġija li jkun deċentralizzat u fuq għadd ta' livelli, inkluż il-Patt tas-Sindki u l-Inizjattiva tas-Smart Cities; jenfasizza l-importanza ta' politika tal-enerġija tal-UE bbażata fuq approċċ “bottom-up” għall-bliet u r-reġjuni bil-għan li

tippromwovi investimenti li jkunu nodfa u effiċjenti mil-lat ta' enerġija; jenfasizza li l-allinjament tal-Politika ta' Koeżjoni tal-ġejjeni mal-Istrateġija Ewropa 2020 jista' jipprovd mekkaniżmu fundamentali li jippromwovi l-iżvilupp lokali u reġionali li jwassal għal tkabbir intelliġenti, ekonomikament kompetitiv u sostenibbli fl-Istati Membri, fir-reġjuni u fil-bliet;

7. Josserva li hemm differenzi konsiderevoli bejn ir-reġjuni Ewropej, li ma jħallux li jkun hemm objettiv standard u li jorbot tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, u li jqiegħed ukoll piż bla ħtieġa partikolarment fuq l-SMEs; jipproponi għalhekk il-monitoraġġ kontinwu tal-implementazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti u t-tnedja ta' proċeduri ta' ksur f'każijiet ta' nuqqas ta' konformità;
8. Jagħraf li s'issa l-politiki dwar l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija ma indirizzawx biżżejjed, fir-rigward tat-traqqis tal-konsum tal-enerġija, il-fattur li s-soċjetà taċċetta b'mod favorevoli; jenfasizza li mhux biss l-imġiba tal-utenti hija kruċjali għas-suċċess tal-miżuri tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija iżda wkoll għandha tissaħħaħ il-fiduċja tal-konsumatur; jitlob biex il-pjan ta' azzjoni tal-ġejjeni dwar l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija jipprovd miżuri ta' appoġġ addizzjonali biex is-soċjetà tħares lejha b'mod aktar favorevoli; jenfasizza r-rwol kruċjali li għandhom il-livelli reġionali u lokali biex jintlaħaq kunsens;
9. Jistieden lill-Kummissjoni biex tintroduċi miżuri biex tiġġieled il-faqar tal-enerġija li, fl-Ewropa, jaffettwa l-ifqar djar, u biex b'mod attiv tappoġġa l-implementazzjoni u l-finanzjament tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija fid-djar;
10. Jinnota li l-intrapriżi, permezz tal-isforzi ta' innovazzjoni tagħhom, għandhom rwol kruċjali fit-tfassil u l-implementazzjoni ta' miżuri tal-iffrankar tal-enerġija; jittama li l-fondi strutturali ser iħeġġu lill-intrapriżi b'mod attiv biex jipparteċipaw fil-qasam tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija;
11. Jistieden lill-Kummissjoni biex tgħaqquad il-leġiżlazzjoni Ewropea eżistenti bħad-Direttiva dwar l-Ekodisinn u d-Direttiva dwar it-Tikketti tal-Enerġija minnflok li testendiha, sabiex l-implementazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE tiġi optimizzata u biex isir użu tas-sinerġji, partikolarment għall-konsumatur.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	28.10.2010
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: -: 0: 42 0 2
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	François Alfonsi, Luís Paulo Alves, Sophie Auconie, Catherine Bearder, Jean-Paul Besset, Victor Boştinaru, Zuzana Brzobohatá, John Bufton, Alain Cadec, Ricardo Cortés Lastra, Francesco De Angelis, Rosa Estaràs Ferragut, Elie Hoarau, Danuta Maria Hübner, Filiz Hakaeva Hyusmenova, Juozas Imbrasas, Seán Kelly, Evgeni Kirilov, Constanze Angela Krehl, Petru Constantin Luhan, Riikka Manner, Iosif Matula, Erminia Mazzoni, Miroslav Mikolášik, Jan Olbrycht, Wojciech Michał Olejniczak, Markus Pieper, Tomasz Piotr Poręba, Monika Smolková, Csanád Szegedi, Nuno Teixeira, Lambert van Nistelrooij, Oldřich Vlasák, Hermann Winkler, Elżbieta Katarzyna Łukacjewska
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Karima Delli, Jens Geier, Ivars Godmanis, Lena Kolarska-Bobińska, James Nicholson, Elisabeth Schroedter, László Surján, Patrice Tirolien
<b>Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Andrea Češková